MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 2/2009

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited kif surrogata fid-**
**drittijiet ta' l-assigurat taghha John Caruana abbazi tal-**
**polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess John Caruana [252357(M)]**

**Vs**

**Joseph Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Jannar 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa` mija u sitta u tletin Euro u tlieta u sittin centezmu (€936.63) ghar-ragunijiet

imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-ispejjez kollha u bl-interessi legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa` mija u sitta u tletin Euro u tlieta u sittin centezmu (€936.63), bl-ispejjez kollha u bl-interessi kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------